# Zooming on Sustainability

ZOOMINGONSUSTAINABILITY

## Sostenibilità ambjentali, ekonomika, politika u soċjali.



Bla dubju ħafna mill-qarrejja semgħu f'xi kuntest jew ieħor il-kelma "sostenibilità", jew rapporti fil-mezzi tax-xandir dwar dak li qed tagħmel l-Unjoni Ewropea biex tassigura liċ-ċittadini tagħha futur sostenibbli. L-Istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE tifrex fuq l-aspetti kollha, mill-mod kif inħarsu lejn it-tibdil fil-klima għal mod kif nittrattaw lill-anzjani tagħna.

L-Unjoni Ewropea qed taħdem biex ittejjeb il-kwalità ta' ħajjitna u biex il-futur tagħna u ta' wliedna ikun aktar sikur. Dan għaliex l-Istrateġija tal-UE għal żvilupp sostenibbli tindirizza l-bżonnijiet tal-preżent mingħajr ma tikkomprometti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom. Allura, forsi tistaqsi: x'qed tgħid l-Unjoni Ewropea meta tenfasizza futur sostenibbli? Normalment l-enfasi prinċipali jaqa' fuq tliet affarijiet: sostenibilità ambjentali, sostenibilità ekonomika u sostenibilità politika u soċjali.

Dawn is-suġġetti se jiġu ttrattati f'konferenza bit-tema: *Zooming on Sustainability*, liema konferenza qed tiġi organizzata mill-MEUSAC bejn it-13 u l-15 ta' dan ix-xahar f'Malta u li qed tkun ko-finanzjata mid-Direttorat Ġenerali Edukazzjoni u Kultura tal-Kummissjoni Ewropea, taħt il-Programm "Europe for Citizens" 2007-2013. Mal-150 parteċipant minn seba' pajjiżi Ewropej, fosthom l-Italja, ir-Renju Unit, Franza, il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja u Malta se jingħaqdu flimkien biex jiddiskutu diversi temi prattiċi fl-oqsma tal-ambjent, il-kultura, l-ekonomija u l-qasam soċjali.

Il-Konferenza għandha l-għan li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet li jeżistu bejn l-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin u dawk ġemellati magħhom. B' mod partikolari id-diskussjonijiet se jiffukaw fuq it-twettiq ta' ċittadinanza attiva b'referenza għat-temi magħżula u kif dawn jistgħu jgħinu fil-proċess ta' integrazzjoni.

Iżda l-Unjoni Ewropea kif se tilħaq il-miri tagħha għal żvilupp sostenibbli? Barra l-Programm "Europe for Citizens", il-Kummissjoni għarfet l-importanza tal-edukazzjoni. Għalhekk permezz ta' Programm ieħor ta' fondi, dak għat-Tagħlim tul il-Ħajja, qed taħdem biex jiżdiedu l-ħiliet meħtieġa għall-ħolqien ta' Ewropa moderna, waqt li permezz tas-Seba' Programm ta' Qafas (FP7) qed tiffinanzja skoperti ġodda li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jirrispondu għall-isfidi li qed taffaċja l-Unjoni Ewropea, fost dawn minħabba l-globalizzazzjoni.

Għalkemm forsi tista' taħseb li dawn l-inizjattivi mhumiex tanġibbli għalik, inti wkoll tista' tagħti s-sehem tiegħek permezz ta' affarijiet żgħar bħal ma' huma: tagħżel trasport aktar nadif, taqla' l-plakka ta' apparati elettroniċi tad-dar meta ma' tkunx qed tużahom, tirriċikla, tieħu ħsieb saħħtek aħjar jew tieħu korsijiet filgħaxijiet biex tkabbar il-ħiliet tiegħek.

Għal aktar tagħrif dwar il-Konferenza *Zooming on Sustainability* żur is-sit **www.zoomingonsustainability.eu**

Education and Culture DG

'Europe for Citizens' Programme

(Co-financed by the European Union within the programme "Europe for citizens" 2007-2013)

MEU SAC

Malta-EU Steering & Action Committee

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta*
*Telefon: 2590 9101*
*Email: info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*